MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 246/1989/2

**Francis Sidney sive Sidney Ellul Sullivan bhala Managing Director tas-socjeta` "SESCO Trading Ltd." in rapprezentanza ta' l-istess**

**vs**

**Dottor Remigio Zammit Pace, bhala Segretarju ta' "Elmo Insurance Services Ltd.", in rapprezentanza tal-istess, u din bhala Agent u in rapprezentanza tad-ditta estera "Sun Alliance and London Insurance plc"**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Marzu 1989 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi bejn id-19 u l-21 ta' Dicembru 1987 saret serqa kbira minn persuni mhux maghrufa mill-imhazen San Gorg sive

“Miles Fashions Warehouses”, Ellul Mercer Street, Qormi, li fihom kien hemm magazzinati diversi oggetti tas-socjeta` instanti;

Illi l-istess socjeta` kienet koperta kontra dan is-serq permezz ta’ polza ta’ assikurazzjoni numru 159-10373 mahruga mis-socjeta` konvenuta;

Illi minhabba din is-serqa s-socjeta` instanti sofriet danni rilevanti, konsistenti principalment fil-valur tal-merkanzija misruqa u fit-telf ta’ profitt soffert bhala konsegwenza - liema danni jirrizultaw dettaljatament fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut nomine qieghed jirrifjuta li jhallas kumpens adegwat u gust ghad-danni sofferti, u b’hekk naqas li jonora l-obbligi minnu assunti fil-konfront tal-attur nomine;

Premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni, talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija:

1. tiddikjara u tiddeciedi li d-danni kollha sofferti mill-attur nomine huma koperti mill-polza fuq imsemmija;
2. tillikwida l-istess danni;
3. tinnomina periti, okkorrendo, ghall-finijiet tal-likwidazzjoni;
4. tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine id-danni hekk likwidati.

Bl-interessi mid-data tat-12 ta’ Jannar 1988 meta l-attur nomine issottometta l-claim tieghu, u bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ ittra ufficjali tat-12 ta’ Lulju 1988, kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi hu qatt ma qal li d-danni attwali sofferti mill-attur nomine m’humiex koperti mill-polza relattiva.
2. Illi hu qatt ma kien kontra li jigu likwidati d-danni li l-attur jipprova li attwalment sofra.

3. Illi huwa mhux kontra li jigu nominati periti ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni li l-attur nomine jipprova li attwalment sofra.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-15 ta' Lulju 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Albert Libreri bhala perit legali u Frederick Mifsud Bonnici bhala perit komputista;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali u dik tal-perit komputista debitament mahlufa fil-11 ta' Jannar 2000;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut nomine (annessa ma' l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet - citaz. Nru. 107/89 - deciza llum stess) u dik ta' l-attur nomine;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda *claim* li ghamel l-attur nomine mas-socjeta` assikuratrici konvenuta wara serqa li saret bejn id-19 u l-21 ta' Dicembru 1987 minn gol-imhazen tieghu f'Ellul Mercer Street, Qormi. Il-*claim* saret a bazi ta' polza ta' assigurazzjoni allura vigenti (Dok. A anness mac-citazzjoni). Is-socjeta` konvenuta tidher li kull ma hi qed tesigi f'din il-kawza hija l-applikazzjoni tal-principju generali li min jallega jrid jipprova, u jekk tali prova tirnexxi da parte ta' l-attur nomine, allura hija tkun lesta thallas dak li jirrizulta dovut. Bhalma korrettement jissottometti l-perit legali fi-relazzjoni tieghu, f'materja ta' natura civili huwa sufficjenti li tali prova tkun sal-grad tal-probabilita`. Inoltre, f'kaz bhal dak odjern, il-gudikant irid izomm quddiem ghajnejh il-fatt li r-relazzjoni bejn il-partijiet (assikuratur u assikurat) hija bazata fuq l-ezistenza ta' *uberrimae fidei*. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, il-perit legali jghid hekk:

“50. Illi l-ewwel punt li ghandu jigi nvestit huwa jekk l-attur nomine rnexxilux jipprova fil-grad rikjest li huwa gie derubat minn terzi kif hu qed jallega.

51. Mill-banda wahda, hemm il-provi migjuba mill-attur nomine li:
(a) huwa mar fl-imhazen fil-21 ta' Dicembru 1987 ghal habta tas-7.30a.m. u sab il-mahzen fejn izomm il-merkanzija tas-socjeta` l-ohra tal-attur, Miles Manufacturers Ltd. imqalleb;
(b) fil-hajt divizorju bejn dan il-mahzen u bini adjacenti, li kien ghadu mibni gebel u saqaf u maghluq b'bieb provvisorju, kien gie maqlugh cangun li presumibilment ipprovda l-access ghall-hallelin;
(c) il-bieb ta' wiehed mill-imhazen kien sgassat;
(d) l-istorekeeper Joseph Bajada kkonferma li kien halla kollox f-postu meta ghalaq l-ahhar il-Gimgha ta' qabel;
(e) fil-mahzen fejn kienet tinhazen il-merkanzija tas-socjeta` attrici odjerna Sesco Trading Ltd. ma kien hemm ebda taqlib u sija l-attur u sija l-istorekeeper dak il-hin hasbu li ma kien insteraq xejn.
(f) Minhabba t-taqlib fil-mahzen l-iehor, l-attur ghamel ir-rapport relattiv lill-pulizija u b'konsegwenza saret inkjesta magisterjali li kkonkludiet li kienet effettivament saret serqa fl-imhazen in kwistjoni.
(g) Sussegwentement meta fil-granet ta' wara sar stocktaking tal-merkanzija tas-socjeta` attrici, l-attur skopra nuqqas ta' eluf ta' liri u ghalhekk ikkonkluda li s-serqa in kwistjoni ma kenitx tinvolvi biss il-merkanzija tas-socjeta` Miles Manufacturers Ltd. izda anke l-merkanzija tas-socjeta` attrici.

52. Mill-banda l-ohra, is-socjeta` konvenuta ressqet provi biex turi d-dubji taghha jekk verament kenitx saret serqa tal-merkanzija tal-kumpanija l-ohra tal-attur u biex fi kwalunkwe kaz, tghid li anke jekk saret tali serqa, ma ntmess xejn mill-merkanzija tas-socjeta` attrici. Dwar dan il-konvenut nomine:

(a) Ressaq provi dwar diversi asserzjonijiet tal-attur u l-istorekeeper li ma kien insteraq xejn minghand is-socjeta` attrici.
(b) Esebixxa diversi ritratti tal-intern tal-mahzen tas-socjeta` attrici mehuda dakinhar stess tal-allegata serqa in sostenn ta' dan.

(c) Esebixxa fotokopja ta' kitba fuq envelope maghmula minn Andrew Farrugia (ex-gharus ta' bint l-attur u impjegat tieghu) li ma tindika ebda item nieqes tas-socjeta` attrici (parti minn Dok DBX).
(d) Esebixxa lista maghmula mill-attur dwar l-oggetti allegatament misruqa (Appendix II ma l-affidavit ta' David Bartoli Dok DB) biex sija jirrileva l-inkonsistenza tal-attur u sija jindika l-inverosimiljanza li volum tant kbir seta fizikament jinsteraq.
(e) Gab provi dokumentari dwar in-nuqqas ta' "internal controls" fit-tmexxija tas-socjeta` attrici.
(f) Gab provi li, fil-vicinanza tas-serqa in kwistjoni, l-attur nomine kien gie misruq minn xi impjegati tieghu stess fosthom l-gharus ta' bintu.
(g) Esebixxa rapport fil-gurnal dwar proceduri kriminali stitwiti kontra l-attur dwar falsifikazzjoni ta' dokumenti u evazjoni ta' dazju.

53. Illi a differenza tar-rapport tas-sottoskritt fil-kawza l-ohra fuq riferita, liema rapport qed jigi prezentat kontestwalment ma dan, l-esponent sab diffikolta` akbar biex jiddeciedi fuq liema wahda miz-zewg verzjonijiet hija l-iktar attendibbli u dan propju ghaliex f'dan il-kaz uhud mill-elementi mressqa mis-socjeta` konvenuta huma hafna iktar konkreti minn dawk imressqa fil-kawza l-ohra.

54. L-esponent jibda biex jissottometti li ghalkemm l-ezistenza tas-serqa hija stabbilita (bhal ma hu kkonkluda fir-rapport l-iehor), li jrid jigi stabbilit huwa jekk din is-serqa kenitx limitata ghall-merkanzija tas-socjeta` Miles Manufacturers Ltd. (socjeta` attrici fil-kawza l-ohra) jew kenitx tikkomprendi wkoll il-merkanzija tas-socjeta` attrici f'din il-kawza, cioe`, Sesco Trading Ltd..

55. Illi huwa facli li wiehed jahseb, jipprezumi u jikkonkludi li gjaladarba l-hallelin kellhom il-possibilta li jisirqu l-merkanzija tas-socjeta` attrici odjerna, ikun logiku li hekk ghamlu. Tali presunzjoni pero` mhux biss ma tikkostitwix prova li hekk gara izda, fic-cirkostanzi tal-kaz, lanqas tista ta' bilfors tikkwalifika bhala presunzjoni logika. L-esponent fl-ewwel lok jirrileva li l-merkanzija misruqa tas-socjeta` Miles Manufacturers Ltd., li skond ir-rapport l-

iehor fil-fatt insterqet, tikkonsisti fi hwejjeg u bjankerija (vide appendix I anness ma l-affidavit ta' David Bartoli Dok DB) filwaqt li l-merkanzija allegatament misruqa minghand is-socjeta` attrici hija prettament oggetti tal-gilda u fil-maggjor parti taghha kienet tikkonsisti f'bagolli u bagalji (vide Appendix II ma l-affidavit Dok DB). Minn dan l-esponent jiddezumi zewg affarijiet:

(a) li l-merkanzija tas-socjeta` Miles setghet tigi riciclata mill-hallelin b'iktar facilita specjalament fl-hekk imsejjha 'monti' fid-diversi rhula ta' dan il-pajjiz mentri dik tas-socjeta` attrici, tenut kont tal-materjal tal-gilda, kobor u marki tad-diversi ditti, kienet tkun iktar identifikabbli li tigi ndividwata bhala merca misruqa u inqas facilment 'timxi'.
(b) Li l-merkanzija tas-socjeta` attrici odjerna, tenut kont tal-kobor tal-maggjor parti taghha, kienet tiehu hafna iktar spazju fil-vetturi li ntuzaw ghas-serqa u kienet tirrikjedi hafna iktar hin u xoghol ta' skarigg b'valur komplessiv relattivament baxx (skond l-istima tal-attur esebita bhala appendix II ma l-affidavit Dok DB – Lm22,250) milli dik li nsterqet minghand is-socjeta` Miles Manufacturers Ltd., li kienet iktar facli biex tinsteraq u tiehu relattivament hafna inqas spazju b'valur komplesssiv ta' iktar minn 4 darbiet (vide stima ta' l-attur ta' Lm92,650 esebita bhala appendix I ma l-affidavit Dok DB) mill-merkanzija allegatament misruqa minghand is-socjeta` attrici.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi partikolari, il-presunzjoni logika iktar ittendi lejn il-verzjoni li l-hallelin iktar kien jinteressahom il-merkanzija ghas-socjeta` Miles filwaqt li s-serq tal-merkanzija tas-socjeta` attrici kienet tohloqilhom problemi u rimarka tax-xhud David Bartoli li biex jinsterqu z-zewg kwalitajiet ta' merkanzija kien jirrikjedi almenu zewg containers tal-erbghin pied taghmel hafna sens.

56. Skartata din il-presunzjoni u konsidrati l-fatti proprji li hargu waqt il-kaz, l-esponent huwa tal-umli opinjoni li effettivament l-attur nomine ma ppruvax fil-grad rikjest mill-ligi li fis-serqa in kwistjoni, insterqet ukoll merkanzija tas-socjeta` attrici odjerna. Din il-konkluzjoni tal-esponent hija bazata fuq is-segwenti ragunijiet:

(a) L-iktar raguni principali hija l-inkonsistenza tal-attur nomine ‘a tempo vergine’ u b’din l-espressjoni l-esponent qed jirreferi mhux biss ghal dakinhar filghodu tal-gurnata propja li fiha skopra l-mahzen sgassat izda anke ghal wara nofsinhar ta’ l-istess gurnata u ghal numru konsiderevoli ta’ granet u gimghat wara.

(b) Jekk wiehed jibda mill-ghodwa tal-21 ta’ Dicembru 1987, hemm ix-xhieda korroborata li sija l-attur u sija l-istorekeeper qalu li ma kienx jidher li ntmisset il-merkanzija tas-socjeta attrici. Issa ghalkemm, tali stqarrijiet jistghu ikunu kunsidrati mhux ta’ daqstant importanza tenut kont ta’ l-istat ta’ hasda li seta’ kien ghadu ghaddej minnha l-attur fis-sieghat vicin l-iskoperta ta’ mahzen sgassat u merkanzija derubata mis-socjeta` l-ohra tieghu Miles Manufacturers Ltd., la huwa logiku u lanqas verosimili li almenu hu f’dawk is-sieghat ma qalx li forsi seta’ nsteraqlu xi haga mill-merkanzija tas-socjeta` attrici jew li ma nnutax oltre elf (1000) bagalja ta’ kull kwalita nieqsa – haga li kwalsiasi persuna normali u ordinarja kienet zgur tinduna biha, kif xehed Paul Barberi “mad-daqqa t’ghajn’. (Il-figura tal-bagalji nieqsa ttiehdet mill-lista datata 26 ta’ Jannar 1988 li l-attur stess ghadda lis-socjeta` konvenuta u li tinsab esebita bhala Appendix II ma l-affidavit Dok DB). Fuq kollox, kif jirrizulta inkontestat u anke korroborat mill-verbal tal-access mizmum mill-perit legali mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, kif ukoll mir-ritratti Dok DB1 sa DB6, il-mahzen li fih kien hemm mizmuma l-merkanzija tas-socjeta` odjerna, ma kienx imqalleb bl-ebda mod. Kwindi, jekk l-attur seta jinfixel u jitfixkel fir-rigward tal-merkanzija misruqa mis-socjeta` l-ohra Miles mill-mahzen misjub imqalleb ghall-ahhar, zgur dan il-fatt ma jistax jimmitiga l-inkonsistenza tieghu ghal dak li stqarr dakinhar filghodu sija lill-pulizija u sija lir-rapprezentanti tas-socjeta` assikuratrici David Bartoli u Paul Barberi.

(c) Fil-laqgha li kellu wara nofsinhar fl-ufficji tas-socjeta` konvenuta, l-attur, ghalkemm ftiehem sabiex isir physical stocktake anke tal-merkanzija tas-socjeta` attrici odjerna, baqa' ma semma xejn li kien jahseb li setgha anke nsterqitlu merkanzija ta’ din is-socjeta` kif lanqas accenna ghal mijiet ta’ bagalji nieqsa.

(d) Lanqas fil-granet ta’ wara, tali fatt ma ssemma u dan hareg biss fit-12 ta’ Jannar 1988, cioe tlett gimghat shah

wara, meta l-attur issottometta l-claim lis-socjeta` konvenuta.
(e) Ir-ritratti Dok DB1 sa DB6, gja fuq imsemmija fil-kuntest tal-inkonsistenza tal-attur, fihom innifishom ifornu prova ohra li ssahhah il-konkluzjoni raggunta mill-esponent ghaliex huwa nverosimili ghall-ahhar li hallelin li jqallbu mahzen ta' taht fuq biex jisirqu l-merkanzija go dak il-mahzen, imbaghad jaghmlu l-oppost u jhallu kollox pulit u f'postu fl-intraprisa li jisirqu l-mahzen tas-socjeta` attrici fejn, skond il-lista Appendix II fuq riferita, kellhom iqandlu daqstant bagalji, kif ukoll kwantita` ta' oggetti zghar.
(f) Punt iehor korroboranti ghal konkluzjoni tal-esponent hija l-fotokopja esebita mix-xhud David Bartoli bhala l-ahhar pagna tad-Dok DBX. Skond David Bartoli din hi fototkopja mehuda minn fuq envelope li fuqu Andrew Farrugia (li kien gharus ma bint l-attur u kien dak iz-zmien impjegat mieghu u kellu anke c-cwievet tal-imhazen) kiteb dwar dak li skond hu kien nsteraq. Dan id-dokument gie esebit fit-28 ta' Ottubru 1994 u x-xhud David Bartoli ghamel riferenza ghalih anke fix-xhieda tieghu (vide xhieda tas-seduta mizmuma 28.10.94). Sussegwentement, l-attur ipprezenta affidavit (Dok FSE1) biex jirribatti dak li David Bartoli kien qal fl-affidavit tieghu pero' bl-ebda mod ma kkontradixxa x-xhieda ta' David Bartoli fuq l-imsemmija fotokopja jew b'xi mod attakka l-veracita` tad-dokument la fl-istess affidavit u lanqas wara. Dwar din il-fotokopja li laqat lill-esponent huwa li fil-lista redatta minn Farrugia hemm assenza totali ta' kwalsiasi merkanzija tas-socjeta` attrici, li kwindi jaghmel inverosimili t-tezi li s-socjeta` attrici sofriet telf f'merkanzija fis-serqa in kwistjoni pero' mhux biss l-attur ma ndunax izda lanqas l-imsemmi Farrugia (apparti wkoll l-istorekeeper Bajada).
(g) Fl-opinjoni tal-esponent, mhuwiex kredibbli li l-attur jipprova jiggustifika ruhu fuq dan il-punt fuq il-bazi ta' nuqqas ta' "internal controls" fit-tmexxija tas-socjeta` attrici ghaliex kwantita` u volum daqstant kbir ta' merkanzija nieqsa messu u kellu jinduna biha minnufih.

57. Illi mhuwiex il-kompitu tal-esponent li joqghod jaghti spjegazzjoni jew jispekula dwar x'wassal lill-attur li jipproponi l-claim meritu tal-kawza odjerna. Il-kompitu tal-

esponent huwa limitat biex jaghmel sottomissjonijiet fuq il-fondatezza o meno tat-talbiet attrici u ghalhekk l-esponent ser jieqaf hawn u jirrakkomanda lil din l-Onorabbli Qorti li abbazi tas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda."

Din il-Qorti, wara li ezaminat n-noti ta' osservazzjonjiet tal-partjiet, hi tal-fehma li ghandha tilqa' l-konkluzjoni li f'dan il-kaz l-attur nomine ma rnexxilux jipprova sal-grad mehtieg bil-ligi biex jissoddisfa lill-Qorti li n-nuqqasijiet minnu riskontrati mill-mahzen tas-socjeta` attrici kienu dovuti ghas-serqa li sehhet bejn id-19 u l-21 ta' Dicembru 1987. F'dan ir-rigward huwa ta' importanza dak li xehed Joseph Bajada l-istorekeeper li meta dahal fil-mahzen tas-socjeta` attrici mas-Surgent tal-Pulizija qallu li mad-daqqa t'ghajn f'ghajnejh deher li ma kien hemm nieqes xejn izda lis-Surgent qallu li "tant kien hemm items f'dak il-mahzen li jekk xi hadd per ezempju ha tliet wallets tal-gilda mill-gemgha li kien hemm, jien ma kontx ser ninduna dak il-hin". Tghaddi differenza kbira bejn "tliet wallets tal-gilda" u mijiet ta' brief cases, luggages u hand luggages! Apparti dan, u forsi aktar importanti, hija x-xiehda ta' l-attur nomine stess li jghid li kien mar il-Gimgha filghaxija jew is-Sibt filghodu (is-serqa giet skoperta t-Tnejn filghodu) biex igib briefcase tal-gilda ghal klijent. Din il-Qorti ma tarax bhala wisq verosimili li ma jindunax bin-nuqqas meta kien dahal fil-mahzen tas-socjeta` attrici proprju jumejn qabel. Ma jistax jigi eskluz li n-nuqqas sehh qabel u dan minghajr ma kien induna l-attur nomine proprju minhabba n-nuqqasijiet fl-*accounting records*. Konsegwentement it-talbiet attrici ma jistgux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------